MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2006

Numru. 214/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**v**

**CARMELO MUSCAT**

**Il-Qorti;**

Rat lil l-imputat **CARMELO MUSCAT** bin Peter u Grace nee Pisani, imwieled nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 1946 u residenti 19, Triq il-Qala, Nadur, Ghawdex, detentur ta' karta ta' l-identita' numru 56946G gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-Erbgha, tnejn ta' Frar 2005 ghal habta tal-ghaxra ta' bil-lejl fuq wara tar-residenza tieghu fi Triq il-Qala, Nadur, Ghawdex;

1. Spara arma tan-nar [senter] Luigi Franchi bin-numru seriali 827217 minghajr licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija f'post li huwa abitat jew fil-qrib tieghu;

2. Talli voluntarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq *cable wire* li hu proprjeta ta' Melita Cable liema valur ma jaqbizx l-hamsin lira maltin;

3. Talli kiser il-kondizzjoni tal-licenzja mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex izomm arma tan-nar fil-fond tieghu;

4. Talli naqas li jgedded l-licenzja tieghu biex izomm arma tan-nar ghas-sena 2005.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tapplika l-piena stabbilita, tordna l-konfiska tal-arma esibita.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe li Bernarda Muscat, lil WPS 160 Josephine Camilleri, lil Ispettur Antonello Grech, lil PS 73 Josef Camilleri, lil Charlene Muscat, lil Christopher Grech, lil John Muscat, lil Sunny Camilleri u lil Mary Camilleri.

Semghet wkoll lil imputat jixhed fis-seduta tal-wiehed u tletin ta' Jannar 2006 minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Minn ezami tal-okkorrenza esibita jirrizulta li nhar t-tnejn ta' Frar 2005, ghal habta tal-ghaxra w hamsa ta' bil-lejl, Bernarda Muscat marret l-ghassa tal-pulizija f'Victoria w irrappurat li ftit qabel kienet semghet sparatura gejja mill-bitha tal-gar taghha Carmelo Muscat u fl-istess hin, ma kienx hemm aktar *reception* fuq t-*television* taghha.

Il-pulizija marret fuq il-post sabiex tinvestiga r-rapport li rceviet u hemmhekk, fir-residenza tal-kwerelanti, sabet wkoll lil bintha Charlene, li qaltilhom l-istess fatti li

qaltilhom ommha Bernarda meta ghamlet r-rapport taghha aktar kmieni dak l-lejl. Ziedet tghid pero li barra d-dar, kien hemm l-gharus taghha Christopher Grech go vettura, ghalkemm meta hargu ma rawhx aktar hemmhekk.

Il-pulizija tkellmet wkoll ma Christopher Grech li qal li hu kien go vettura barra r-residenza tal-familja Muscat meta fid-daqqa w l-hin, sema' sparatura. Haseb li kienet xi sparatura ta' cilindru tal-gass u dahal jigri d-dar mill-bieb tal-gemb, izda ma ra lil hadd.

Bernarda Muscat u Christopher Grech t-tnejn qalu lil pulizija li xammew riha ta' porvli u li kellhom suspett fil-gar taghhom Carmelo Muscat ghaliex ma kellhomx relazzjoni tajba mieghu. Qalu li hsara kellhom fil-*cable* tal-Melita bid-daqqiet tac-comb.

Dakinhar, il-pulizija habbtu mal-bieb tal-gar diversi drabi izda ma kienx hemm risposta, ghalkemm dawl kien hemm kemm fil-bitha kif wkoll gewwa l-garaxx.

L-ghada, l-pulizija kellmet lil dan Carmelo Muscat li qalilhom li lejliet, hu kien ma huh wara s-sebgha ta' filghaxija u wasal lura d-dar ghal habta tal-ghaxra w nofs jew il-hdax neqsin kwart ta' bil-lejl. Qal li huwa kien wahdu peress li martu kienet ghand binthom. Mistoqsi jekk kienx spara xi tir, huwa wiegeb fin-negattiv. Il-pulizija dahlu fil-bitha tieghu izda ma nnutaw xejn li setgha jqajjmilhom xi suspett. Urihom wkoll l-arma li huwa ghandu u cioe dik tal-ghamla Luigi Franchi bin-numru seriali B27217.

Il-pulizija tkellmet wkoll ma hu Carmelo Muscat certu John Muscat li kkonferma maghhom li verament l-imputat mar ghandu lejliet, izda dan kien bejn s-sebgha ta' filghaxija w disgha ta' filghaxija.

Il-pulizija tkellmet wkoll ma Mary Camilleri, gara tal-kwerelanti, li qalet li dakinhar tat-tnejn ta' Frar 2005, ghal habta tal-ghaxra ta' bil-lejl, hija kienet fuq il-bejt tonxor u

semghet sparatura gejja mill-bitha tal-gar Carmelo Muscat.

Il-pulizija tkellmet wkoll ma Francis Portelli, gar iehor, li qal li kien semgha hoss ghal habta tal-ghaxra ta’ bil-lejl nhar t-tnejn ta’ Frar 2005, izda ma setghax jghid x’kien l-hoss jew minn fejn kien gie.

Il-pulizija tkellmet wkoll ma Nena Muscat, li tigi oht l-imputat u li tghix fil-vicinanzi, li qalet li ma kienetx d-dar fil-hin tal-allegata sparatura u lil Carmel Camilleri li qal li kien diga rieqed fil-hin tal-allegata sparatura.

**Bernarda Muscat**, l-kwerelanti, xehdet u spjegat f’aktar dettal r-rapport li kienet ghamlet lil pulizija u spjegat li hija kellha suspett fl-imputat ghaliex xi zmien qabel kien ghamel rapport l-ghassa fuq dan il-*wire* tal-*cable*, peress li ghaddej minn fuq il-proprjeta tieghu. Mistoqsija jekk ratx lil xi hadd jispara, il-kwerelanti wiegbet fin-negattiv.

**WPS 160 Josephine Camilleri** xehdet li hija marret tinvestiga l-kaz w irrizultalha li l-imputat kien hareg minghand huh ghal habta tad-disgha ta’ bil-lejl u li l-gara Mary Camilleri qaltilha li waqt li kienet qed tonxor semghet tir gej mir-residenza ta’ Muscat.

L-**Ispettur Antonello Grech** xehed li huwa kien qed jinvestiga l-kaz u l-imputat qallu li dakinhar wasal d-dar ghal habta tal-hdax neqsin kwart ta’ bil-lejl ghaliex kien ma huh, izda meta iccekkja ma huh dwar din l-alibi, irrizultalu li ma kienx minnu li l-imputat kien mieghu sa dak l-hin, izda kien telaq minghandu fid-disgha ta’ bil-lejl. Qal wkoll li xaghrejn wara biddel l-versjoni tieghu u dan meta kellmu fil-wiehed w ghoxrin ta’ April 2005 ghaliex qallu li kien mar passeggjata qabel ma mar lura d-dar [vide dok Spet. AG]

**Charlene Muscat** xehdet w ikkonfermat li l-hsarat fil-*cable* kienu konsegwenza ta’ tir ta’ *shot gun* u l-ispejjes jammontaw ghal sitt liri u sitta w sebghin centezmu.

**PS 73 Josef Camilleri** xehed w ikkonferma li l-imputat ghandu l-arma tal-ghamla Luigi Franchi bin-numru seriali

27217, li giet esibita minn WPS 160 Josephine Camilleri, liema arma hija registrata f'isem l-imputat b'mod regolari mal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex izomm tali arma fir-residenza tieghu 19, Triq il-Qala, Nadur, Ghawdex.

**Christopher Grech** ikkonferma dak li kien qal lil pulizija u cioe li hu kien barra r-residenza ta' Camilleri u tal-imputat f'karozza u meta semgha l-isparatura ghal habta tal-ghaxra ta' bil-lejl, dahal jigri fir-residenza ta' Camilleri ghaliex haseb li kien s-sploda cilindru tal-gass. Mistoqsi jekk rax minn fejn kienet gejja l-isparatura, wiegeb li ma jafx u jekk rax lil xi hadd b'xi arma f'idejh, wiegeb wkoll fin-negattiv.

**Mary Camilleri** xehdet li dakinhar kienet qed taqla xi hwejjeg minn fuq il-bejt u semghet sparatura, ghalkemm qalet li minn fejn giet l-isparatura ma tafx. Ziedet tghid li kien dlam cappa, kien ir-rih u bozza fuq il-bejt m'ghandhiex. Cahdet li hija kienet qalet lis-Surgent li l-isparatura kienet giet mill-gar taghha. Fil-fatt qalet li l-isparatura setghet giet kemm minn dar, kif wkoll mit-triq.

**L-imputat Carmelo Muscat** xehed li dakinhar huwa kien ghand huh sad-disgha w kwart ta' bil-lejl w imbaghad mar jimxi mixja w irritorna lura d-dar bejn l-ghaxra w nofs w il-hdax neqsin kwart ta' bil-lejl. Ikkonferma li l-ghada l-pulizija kienu marru jkellmuh u staqsewh jekk kienx spara xi tir u hu cahad dan. Wara jumejn l-pulizija talbuh s-senter u huwa ghaddihulhom. Mistoqsi jekk dakinhar semghax l-isparatura, huwa wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jekk Mary Camilleri kellmitux fuq l-isparatura, wiegeb wkoll fin-negattiv.

Il-Qorti hasset l-htiega li zzomm access sabiex tara l-bitha tal-imputat u kif kienet is-sistema tal-*wires* tal-*cable* u fil-fatt, nhar l-hmistax ta' Dicembru 2005, ghal habta tat-tmienja ta' filghodu, kienet zammet access fil-presenza tal-imputat.

Il-Qorti dakinhar innutat li l-bitha tal-imputat hija attigwa mad-*drive in* tal-kwerelanti u sovrapost ghal dan, hemm

*cable* tal-Melita. Din d-*drive in* taghti ghal mat-triq u l-*wire* huwa wkoll espost b'tali manjiera li jidher mit-triq.

Ikkunsidrat:

Illi huwa veru li l-imputat setgha ma qalx il-verita dwar l-alibi tieghu, pero dan ma jfissirx li kien hu li spara. Hadd mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma qal li kien hu li spara jew li rah b'xi arma f'idejh, minkejja li fil-hin tal-isparatura kien hemm l-gharus ta' bint il-kwerelanti barra fit-triq, proprju ma gemb fejn saret l-isparatura u l-gara Mary Camilleri fuq il-bejt, faccata tal-bitha tal-imputat, li qalu li ma raw lil hadd jispara.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost, il-prosekuzzjoni m'irnexxilhiex tipprova minn verament kien spara.

Dwar r-raba akkuza, pero u cioe li l-imputat ma kellux licenzja mhallsa ghas-sena kurrenti, il-Qorti rat li din mhiex akkuza peress li l-Kodici ma jipprovdi ghal ebda piena f'kaz ta' ksur.

**Il-Qorti ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 24(2) tal-Kap 33, l-artikolu 325(c) tal-Kap 9 u l-artikolu 3(2) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddecidi li ma ssibx lil imputat CARMELO MUSCAT hati tal-ewwel tlett akkuzi u tilliberah minnhom filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba akkuza peress li ma hiex reat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------